**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 15 ta` Lulju 2019**

**Rik. Nru. 415/2016 JZM**

**Grezzju Barun (167753M)**

***kontra***

**Paul Barun (399863M) personalment**
**U fil-kwalita` tieghu ta` Direttur u in rapprezentanza tas-socjeta` Baron Confectionery Limited (C5484)**

***u***

**George Barun (555454M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Grezzju Barun fl-24 ta` Mejju 2019.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Mejju 2019.

Rat ir-risposta li pprezenta Paul Barun fis-6 ta` Gunju 2019.

Rat illi George Barun ma pprezentax risposta.

Rat ir-risposta li pprezenta l-istralcjarju fil-21 ta` Gunju 2019.

Rat il-provvediment li din il-Qorti tat fit-30 ta` Ottubru 2018 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat ukoll l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti sejra tqis *in primis* dak li nghad mill-intimat Paul Barun fil-paragrafi 10 u 11 tar-risposta tieghu.

Sejra taghmel dan peress illi tqis illi dak li qieghed jinghad hemm minn Paul Barun jikkostitwixxi pregudizzjali ta` dritt ghall-prosegwiment ta` kull konsiderazzjoni dwar il-mertu tar-rikors.

**<u>Fis-sostanza</u>** dak li qieghed jigi nvokat minn Paul Barun huwa li Grezzju Barun ma jistax jittenta li jikseb dak li qieghed jipproponi fir-rikors de quo, billi l-procedura adoperata sabiex ivarja l-provvediment

ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2019 mhijiex proponibbli kif dedotta, u allura hija rritwali.

**Fl-assenza ta` disposizzjoni fil-Kap 386 li tahseb ghall-mod kif jigi kontestat provvediment finali ta` qorti dwar procediment li jittratta l-applikazzjoni tal-Art 402 tal-Kap 386, il-Qorti trid thares lejn il-gurisprudenza tal-qrati taghna, mhux daqstant ghaliex fl-ordinament guridiku taghna tvinci *the rule of precedent* izda ghaliex pronunzjamenti tal-Qorti tal-Appell ghalkemm mhux vinkolanti *ex lege* jgorru piz decizorju qawwi.**

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, id-direzzjoni li tohrog mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell f`materji relatati ma` kawzi li jittrattaw l-Art 402 tal-Kap 386 illum hija cara u ma taghti lok ghal ebda ekwivoci.**

**Il-posizzjoni tal-qrati taghna llum hija kristallizzata fis-sentenzi li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawzi fl-ismijiet "<u>Jonathan Shaw et pro et noe vs David Alan Shaw et</u>" tas-27 ta` Novembru 2009 u "<u>Suzanne Busuttil et pro et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et</u>" tal-31 ta` Jannar 2014.**

**Bl-aktar mod car u inekwivoku, din il-gurisprudenza teskludi li l-provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2019 jista` jigi varjat bir-rikors odjern.**

**Ir-ragunijiet ghal dan johorgu mill-gurisprudenza fuq citata.**

**A skans ta` repetizzjoni, din il-Qorti qeghda tirreferi bis-shih ghall-gurisprudenza citata, ghaliex *mutatis mutandis* tqis li tghodd ghall-kaz tal-lum.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet ta` Grezzju Barun kif dedotti fir-rikors tieghu tal-24 ta` Mejju 2019.**

**Spejjez ghal Grezzju Barun.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**